MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 1246/2003/1

**Malcolm Mallia**

**v.**

**Rachel Mallia**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell, interpost mill-attur Malcolm Mallia, kontra sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja fl-24 ta’ Ottubru 2006 li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talba tal-attur sabiex iz-zwieg bejn il-kontendenti,

celebrat fit-8 ta' April 1990, jigi dikjarat null u bla effett. Permezz tac-citazzjoni tieghu presentata fl-20 ta' Novembru 2003, l-attur, wara li ppremetta li hu u l-konvenuta kienu zzewgu fit-8 ta' April 1990; illu huma sseparaw fit-8 ta' Mejju 2003 (kif jirrizulta minn kuntratt ta' separazzjoni bonarja ezibit a fol. 6 *et seq.* tal-atti); illi huwa ma kellux id-diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha skond kif rikjest fil-ligi; illi huwa wkoll eskluda l-fedelta` fiz-zwieg u fil-fatt kellu relazzjonijiet ma' nisa ohra kemm fl-gherusija kif ukoll wara z-zwieg; illi d-decizjoni li jsir iz-zwieg saret b'mod mghaggel u bl-iskop li l-konvenuta setghet tabita u tahdem f'Malta; peress illi ghalhekk il-kunsens tieghu kien vizzjat skond ma jipprovdu l-paragrafi (d) u (f) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255 – premess dan kollu huwa talab, kif inghad, li l-ewwel Qorti tiddikjara null u bla effett iz-zwieg tieghu mal-konvenuta celebrat fir-Registru Pubbliku fit-8 ta' April 1990. Il-konvenuta, fin-nota ta' eccezzjonijiet taghha tat-12 ta' Frar 2004, filwaqt li rrimettiet ruhha ghall-eventwali gudizzju tal-Qorti riferibbilment ghall-fatti li eventwalment jirrizultaw mill-gbir tal-provi u jekk dawn il-fatti ghandhomx kumulattivament iwasslu ghall-annullament taz-zwieg, irrimarkat li hija taf bl-infedelta` ta' zewgha u li tali infedelta` wasslet ghat-tifrik taz-zwieg; kif ukoll osservat "illi ma huwiex ghal kollox korrett illi jinghad illi z-zwieg tal-kontendenti gie kkuntrattat bl-ghaggla. Fil-fatt il-kontendenti ccelebraw iz-zwieg taghhom b'rit Kattoliku madwar sentejn wara li gie kkontrattat dan iz-zwieg [civili] u kien biss wara c-cerimonja Kattolika li bdew jikkoabitaw."

## Sentenza appellata

**2.** Il-Qorti Civili, Sezzjoni Familja cahdet it-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-attur wara li osservat, *inter alia*, is-segwenti:

"Fil-meritu l-Qorti tosserva li ezami tal-provi migjuba juru bic-car li l-attur kien, fi kliemu stess, "infatwat"[1] lejn il-

[1] Affidavit attur – fol.33

konvenuta u li huwa kien ihobba, tante li kien ghamel l-isforzi kollha sabiex din tkun tista' tibqa' Malta u eventwalment jizzewwgu, kif fil-fatt ghamlu. Il-Qorti hija tal-fehma li l-provi juru li fiz-zmien li gie kkuntrattat iz-zwieg civili l-attur kellu kemm maturita` affettiva fil-konfront tal-konvenuta, kif ukoll dixxerniment sufficjenti ta' l-import tal-hajja matrimonjali bl-obbligi u drittijiet li din necessarjament iggib maghha.

“Jinghad ukoll li, l-Qorti, wara ezami ta' l-atti, hija tal-fehma li l-verjoni moghtija mill-konvenuta hija aktar konfacenti mar-realta` tac-cirkostanzi provati. Din il-konkluzjoni ssib konfort fil-fatt li l-partijiet ikkonvivew ghal zmien twil li matulu kellhom zewgt itfal, b' miscarriage fil-frattemp. It-tifla l-kbira twieldet erba' snin wara z-zwieg, filwaqt li z-zghira twieldet ghaxar snin wara. Inoltre, il-fatt li l-koppja matul iz-zwieg esperjenzjat mumenti turbulenti ma jimminax kontra l-validita` taz-zwieg, *multo magis* meta dawn il-mumenti sehhew hafna zmien wara z-zwieg.

“Illi rigward it-tesi attrici li l-partijiet izzewwgu fid-data li z-zewwgu minhabba l-permess ta' soggjorn tal-konvenuta u ghal dan l-iskop, il-Qorti tosserva li dan il-fatt *ut sic* ma jimmilitax kontra l-validita' taz-zwieg. Mill-provi jirrizulta lampanti li minn qabel ma zzewwgu l-partijiet kienu mixjin f'dik id-direzzjoni, tant li kienu wkoll hasbu li jixtru d-dar matrimojali li fil-fatt akkwistaw “a few days after we got married civilly for which we had been saving for, prior to moving to Malta.”[2] Dan juri li l-partijiet kienu ppjanaw li jinghaqdu fiz-zwieg, qabel ma zzewwgu civilment, u d-decizjoni li jgibu l-quddiem id-data taz-zwieg minhabba c-crikostanzi tal-konvenuta, ma twassalx validament ghall-konkluzjoni li meta l-partijiet izzewwgu huma kienu qed jghatu kunsens matrimojnali vizzjat. Il-fatti huma li l-partijiet kienu jhobbu lil xulxin, accettaw li jizzewwgu u riedu jizzewwgu. Tant kienu intenzjonati li jghixu ta' mizzewwgin li sentejn wara huma kkonfermaw il-kunsens matrimonjali taghhom billi zzewwgu bir-rit religjuz.

[2] Affidavit konvenuta – fol.40

“Illi rigward il-fatt li l-partijiet ma kkonvivewx wara z-zwieg civili minhabba pressjoni qawwija mill-familja ta’ l-attur, ma jimmilitax kontra l-premess; ghax mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu jqattghu hafna hin flimkien, u inoltre ma rrizutlax li dawna ma kienux jaghmlu l-att taz-zwieg. Di fatti mill-provi jirrizulta *ex admissis* mill-attur li qabel ma l-konvenuta giet Malta u qabel iz-zwieg civili, hija kienet harget tqila b’tarbija tieghu. Fi kliemu “This was my child I’m talking about”[3] Fil-kuntest ta’ dawn il-fatti, u fin-nuqqas ta’ provi kuntrarji, il-Qorti ma tirravvisa ebda nullita` fit-termini ta’ l-Artikolu 19A[4] tal-Kap. precitat, u l-fatt li fil-perijodu ta’ bejn iz-zwieg civili u dak religjuz il-partijiet ma kienux jikkonvivu apertament flimkien minhabba cirkostanzi impellanti u estranei ghar-relazzjoni ta’ bejniethom, ma jfissierx li huma ma kellhom l-intenzjoni li jghixu l-hajja matrimonjali flimkien. Di fatti xtraw id-dar konjugali ftit granet wara, u sussegwentement ikkonfermaw bir-rit religjuz il-kunsens matrimonjali li kien inghataw u sussegwentement kellhom zewgt it-tfal. In-non konvivenza fil-miftuh wara z-zwieg civili kienet cirkostanza temporanea u estranea ghar-relazzjoni ta’ bejniethom bhala koppja mizzewwga.

“Illi rigward it-tieni kawzali bazata fuq dak kontemplat fil-paragrafu [f] il-Qorti tosserva li l-ezistenza ta’ din il-*caput nullitatis* hija eskluza b’mod lampanti mill-provi. Ghajr ghal dak allegat mill-attur, li din il-Qorti tikkonsidera inaffidabbli, ma jirrizultax li fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali fit-8 ta’ April 1990, dana eskluda b’att posittiv tal-volonta` tieghu l-obbligazzjoni tal-fedelta` fir-rigward ta’ martu. Il-fatt li huwa okkazzjonalment kien johrog mal-hbieb, u in difett ta’ provi ohra, ma ssostnix b’mod sodisfacenti din l-allegazzjoni tieghu. Anzi l-provi juru li l-attur kien ihobb lill-konvenuta u zzewwigha bil-hsieb li jghix il-hajja matrimonjali maghha bl-obbligi kollha li din timporta. Il-fatt li sussegwentement wara zmien ta’ zwieg zviluppaw problemi bejn il-koppja li wasslithom ghas-separazzjoni de facto u eventwalment de jure, dawn il-problemi ma jwasslux ghall-integrazzjoni tal-*caput nullitatis* in disamina.

[3] Dep. Fol.79
[4] Ir-referenza presumibbilment hija ghall-Art. 19(1)(d) – Qorti ta’ l-Appell

“Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talb attrici mhjiex gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u ghandha tigi michuda.”

**Appell tal-attur**

**3.** Fir-rikors ta’ appell tieghu l-appellant, wara li jispjega l-ligi u l-gurisprudenza in tema ta’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju u ta’ simulazzjoni – spjegazzjoni li din il-Qorti tara li hija sostanzjalment wahda korretta – jilmenta li l-ewwel Qorti ma apprezzatx sew il-provi prodotti u li konsegwentement waslet ghal konkluzjoni zbaljata meta hija rrespingiet it-talba attrici. Bazikament, ghalhekk, l-appellant qieghed jappella mill-apprezzament tal-provi maghmula minn l-ewwel Qorti. B’mod partikolari huwa jishaq (ara l-paragrafu 11 tar-rikors ta’ appell) li mill-provi kien jirrizulta li ghalih iz-zwieg civili – u huwa dak li qed jigi attakkat bhala invalidu, cioe` dak tat-8 ta’ April 1990 – ma kienx veru zwieg, tant li zmien wara l-kontendenti zzewgu bir-rit kattoliku.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

**4.** Din il-Qorti, wara li regghet ezaminat fid-dettal il-provi akkwiziti, hija tal-fehma li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett ta’ l-istess provi u waslet ukoll ghal konkluzjoni korretta ghal dak li jirrigwarda c-cahda tat-talba attrici. Il-provi f’dan il-kaz jikkonsistu fl-affidavit tal-attur u d-deposizzjoni tieghu quddiem l-Assistent Gudizzjarju; l-affidavit tal-konvenuta, il-kopji ta’ l-ittri minnha ezibiti u d-deposizzjoni taghha, ukoll quddiem l-Assistent Gudizzjarju; u l-affidavit -- pjuttost qasir u li f’hafna partijiet minnu jirrepeti dak li kien jghidlu l-attur -- ta’ Noel Micallef. Huwa sinjifikanti li ghal dik li hi, per ezempju, l-allegazzjoni ta’ sikkatura fid-dar qabel ma zzewweg u dixxiplina “zejda” da parti ta’ missieru, ma hemm xejn bhala provi ghajr il-kelma ta’ l-attur. Apparti li, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, il-versjoni moghtija mill-konvenuta ta’ dak li sehh qabel u immedjatament wara z-zwieg, u aktar tard fiz-zwieg, hija aktar verosimili minn dik moghtija mill-konvenut, anke jekk

wiehed kellu jistrieh biss fuq dak li jghid l-attur din il-Qorti frankament ma setghet issib assolutament xejn li a bazi tieghu tista' tghid li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens fit-8 ta' April 1990 il-kunsens tal-attur kien karenti minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha. Din il-Qorti ma sabet xejn fil-provi li jindikaw dak li, fil-gurisprudenza taghna, gie deskritt bhala "inkapacita` psikika…jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament…fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali" (ara, *inter alia*, **Alex Tonna v. Anna Tonna xebba Vassallo**, Prim Awla 10/09/1997). Seta' kien hemm certu leggerezza f'xi decizjonijiet, seta' kien hemm ukoll xi ftit ta' pressjoni, u anke decizjonijiet zbaljati, izda mhux inkapacita` -- kelma li tirrifletti s-serjeta` tad-difett in kwistjoni.

**5.** Nigu issa ghas-simulazzjoni. Apparti li l-kawzali skond il-paragrafu (f) tal-Artikolu 19(1) hija inkompatibbli mal-kawzali ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju – ara s-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tal-15 ta' Novembru 2005 fl-ismijiet **Mario Mizzi v. Maris Mizzi** – din il-Qorti hawn ukoll ma tarax li l-attur ipprova li kien hemm simulazzjoni da parti tieghu. Ma hemmx xejn x'jindika li b'att pozittiv tal-volonta` huwa eskluda, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew id-dritt ghall-att ta' zwieg. Huwa minnu li kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta iddecidew li, minhabba cirkostanzi estraneji ghar-relazzjonijiet ta' bejniethom u senjatament ix-xewqa tal-genituri tal-attur, qabel ma jizzewgu bir-rit kattoliku huma ma jokkoabitawx bil-miftugh (kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentneza appellata, proprjament ma hemmx prova cara li f'dan il-periodu ma kellhomx relazzjonijiet sesswali bejniethom); izda dan il-fatt *per se* ma jammontax ghall-eskluzjoni taz-zwieg, jew ta' xi element essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg. Il-provi pjuttost juru li wara z-zwieg fir-Registru Pubbliku, il-partijiet kienu aktar determinati li jaqsmu u jaghmlu kollox flimkien (hlief ghall-koabitazzjoni bil-miftuh) bhall-mizzewgin; u jekk kien hemm posponiment tat-tfal (kif jidher li kien hemm) dan

ma kienx jammonta ghan-negazzjoni tad-dritt ghall-att ta' zwieg, izda semplicement ghall-posponiment tal-esercizzju ta' dan id-dritt. Il-fatt li, kif fissret il-konvenuta, "the main motivation" ghaz-zwieg civili[5] qabel dak bir-rit religjuz kien sabiex jevitaw problemi ta' viza, xoghol ecc f'Malta, ma jfissirx li ma kienx hemm ukoll l-intenzjoni li huma jghixu ta' mizzewgin. In fatti, mistoqsija in ri-ezami, il-konvenuta esprimiet ruhha hekk[6]:

**M. Why did you not live together after the civil marriage?**

**T. Because mainly we were waiting to marry in church for religious purposes, also Malcolm's family were not happy that we had a civil marriage, so that is another reason why we did not live together, but hav'nt [recte: having] said that we were always together. I used to eat at his mother's house, sleep over there as well. In effect [we] were a married couple, only we were not sleeping together. This was after the civil marriage and before the church marriage. I think this was mainly because of Malcolm's mother, the basis was religious…"**

**Decide**

**6.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez jithallsu mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] Fol. 64.
[6] Fol. 73.